MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2011

Numru 291/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**v.**

**Marco Debono**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Marco Debono ta' Amethyst, Triq in-Neoliotici, Rabat, Ghawdex fejn gie akkuzat talli nhar it-18.02.2011 ghal habta ta' 05:30 hrs fi Triq in-Neolitici, Rabat, Ghawdex, bil-lejl kiser il-mistrieh ta' Marvin Cauchi bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor.

**2.** Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-14 ta' Gunju 2011 li permezz taghha dik il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat Marco Debono hati tal-imputazzjoni

migjuba kontra tieghu u kkundannatu jhallas ammenda ta' hamsin Euro €50.

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Marco Debono minnu prezentat fit-30 ta' Gunju 2011, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti esebiti u semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell permezz tal-avukati taghhom.

**5.** Il-fatti tal-kaz jistghu jigu riassunti kif gej:

Fit-18 ta' Frar 2011 Marvin Cauchi kien jinsab rieqed fid-dar tieghu fi Triq Neolitici, r-Rabat, Ghawdex, meta ghall-habta tal-5.30 am huwa gie mqajjem bi hsejjes ta' ziemel li kien jinzamm fil-garaxx fuq wara tad-dar tal-imputat Marco Debono li kien joqghod bieb ma' bieb mad-dar ta' Marvin Cauchi. Marco Debono dak il-hin kien qam kmieni, rama' liz-ziemel u hargu barra sabiex jiehdu jimxi. Huwa u hiereg ghal barra iz-ziemel kien jghaddi minn go bitha zghira u sakemm johrog barra kien jaghmel il-hsejjes bil-passi ta' saqajh. Dan kien idum ghal xi 10 minuti.

**6.** L-aggravji tal-appellant essenzjalment jikkonsistu filli l-appellant hu tal-fehma li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-ligi u tal-provi b'mod li l-ewwel Qorti ma setghetx ragonevolment u legalment tasal ghas-sejbien ta' htija.

**7.** Huwa ormai ben stabbilit li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti hlief ghal ragunijiet serji li jinducu lil din il-Qorti tkun tal-fehma li jekk ma tigix disturbata d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi tkun ser issir amministrazzjoni hazina tal-gustizzja. F'dan l-appell il-Qorti semghet lix-xhieda principali jixhdu *viva voce* quddiemha u ghalhekk qieghda f'pozizzjoni li hi stess taghmel apprezzament tax-xhieda taghhom.

**8.** Il-fatti essenzjali ma jidhirx li jista' jkun hemm dubbju dwarhom. Marvin Cauchi xehed li fis-17 ta' Frar 2011, ghalkemm ma kienx cert dwar id-data (mill-affidavit ta' PS 676 Edelon K. Spiteri jirrizulta li d-data kienet it-18 ta' Frar 2011) huwa kien gie mqajjem ghall-habta tal-5.30 am bit-tisbit tat-takkuna taz-ziemel tal-imputat meta dan kien gie biex johorgu ghat-tahrig. Ghalhekk huwa mar jirrapporta l-ghassa u rritorna d-dar ghal xi 5.45 am u sa dak il-hin kien ghadu dlam cappa. Biex johrog iz-ziemel kien ikollu jinzel rampa u jghaddi minnn bitha u jimxi t-tul tal-garage u li dan kien idum xi 10 minuti. Din il-procedura kienet issir kuljum. Huwa zied jghid li wara dan l-incident l-imputat kien ghamel tapit mal-art tal-garaxx sabiex it-tisbit taz-ziemel ma jinstemax izda skont ix-xhud, ghalkemm il-hsejjes kienu jinstemghu anqas, xorta baqghu jinstemghu.

**9.** Minn naha tieghu l-appellant, meta xehed quddiem din il-Qorti, qal li l-operazzjoni kienet tiehu xi minuta kollox u dan kien dejjem ikun wara s-6.00 am ghaliex fil-5.30 am jkun ghadu ma qamx. Mistoqsi mill-Qorti jekk izda kienx iqum qabel is-6.00 am biex jipprepara liz-ziemel huwa wiegeb li ma kellux x'jipprepara ghaliex anqas kien jarmah. Lil PS 676 Edelon Spiteri, izda, kien qallu li kien rama z-ziemel izda wara s-6.00 am. Quddiem il-Qorti xehed ukoll li l-garaxx tieghu kien jissakkar u biex jifthu kien ikollu jiftah il-katnazz u jnehhilu l-firrolli.

**10.** Il-Qorti ma ghandha ebda raguni ma taghtix affidament lix-xhud Marvin Cauchi waqt li l-imputat ma kienx kredibbli meta pprova jaghti l-impressjoni li l-haga kienet iddum biss xi minuta kollox u minghajr ma jsiru hsejjes xejn minkejja li kien ikollu jiftah il-katnazz tal-garaxx, inehhi l-firrolli u jarma z-ziemel qabel johorgu. In kwantu ghall-hin tal-incident il-Qorti taghti affidament lil dak li xehed Marvin Cauchi f'dan ir-rigward anki ghaliex l-imputat xejn ma kien konvincenti dwar dan.

**11.** Il-kwistjoni li jibqa' hija jekk il-hsejjes taz-ziemel kienux tali li jammontaw ghar-reat fl-artikolu 338(m) tal-Kodici Kriminali. Gie ritenut li biex jirrafigura dan ir-reat jehtieg li l-hsejjes jammontaw ghal *nuisance* u cioe' li jkun hemm *substantal inconvenience and material discomfort* u

li ghalhekk l-inkonvenjent irid ikun gravi u mhux facilment tollerabbli u li jkun ukoll kontinwu u intens[1]. Sentenzi ohra hadu atteggjament aktar pragmatiku u anqas assolutista rigward dan ir-reat fejn gie ritenut li spetta ghall-Qorti minn kaz ghal kaz u skont ir-rizultanzi processwali li tivvaluta d-depozizzjoni tal-persuni li jkunu qed jilmentaw mill-inkonvenjent li tiddeciedi jekk il-hsejjes ikunux verament ta’ inkonvenjent jew le mehud kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz[2]. Din il-Qorti tabbraccja dan l-ahhar insenjament anki ghaliex ma hemm xejn fl-artikolu 338(m) li jista’ jaghti lok ghal atteggjament divers u aktar esigenti jew rigoruz minn hekk.

**12.** Il-Qorti hi tal-fehema li l-hsejjes tat-tkaken ta’ ziemel fis-skiet tal-lejl fil-hin tal-5.30 am fix-xahar ta’ Frar huwa tali li johloq dak il-grad ta’ inkonvenjent li l-artikolu 338(m) tal-Kodici Kriminali jrid jissoprimi. Ghalhekk il-Qorti tichad l-aggravji tal-appellant u ser tikkonferma s-sentenza appellata.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Ara App Inf P v Anthony Cuschieri et, 16/12/1946, XXXII.iv.1072
[2] Ara Appelli Inf P Raymond Spiteri, 20/11/1998; P v Fortun Fava, 5/2/1998.